Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9061 — GETEC Wärme & Effizienz/SW Hanau/Pionierwerk)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 395/05)

1. Fit-22 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1])

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— GETEC Wärme & Effizienz GmbH ("GETEC", il-Ġermanja), li tappartjeni għal GETEC Group, finalment ikkontrollata minn EQT Fund Management S.à.r.l. (il-Lussemburgu).

— Stadtwerke Hanau ("SW Hanau", il-Ġermanja).

— PionierWerk Hanau GmbH ("JV", il-Ġermanja), bħalissa kkontrollata minn SW Hanau.

GETEC u SW Hanau jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-joint venture (JV). Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— GETEC hija kumpanija speċjalizzata fis-settur tas-sħana deċentralizzata, kuntratti għall-enerġija u l-kesħa kif ukoll servizzi tal-enerġija.

— SW Hanau hija fornitur tal-enerġija muniċipali tal-belt ta' Hanau, li tipprovdi l-belt b'gass, ilma u elettriku.

— Il-JV ġiet stabbilita f'Ġunju 2018 minn SW Hanau u fil-futur għandha tipprovdi lil distrett żviluppat ġdid f'Hanau, "il-Pioneer-Park", bl-elettriċità, is-sħana, it-telekomunikazzjoni u servizzi tal-mobbiltà elettronika, kif ukoll servizzi tad-dar intelliġenti f'bini li għandu jinbena. Barra minn hekk, il-JV għandha tħaddem impjant ta' sħana u enerġija f'din iż-żona, billi twassal l-elettriku u s-sħana għand il-Pioneer-Park.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9061 — GETEC Wärme & Effizienz/SW Hanau/Pionierwerk

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.